



Brussell, 21 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9343/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0120(BUD)

FIN 689

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija fir-rigward tal-għargħar fl-aħħar ta' Mejju 2025, lil Ċipru wara n-nirien fis-selvaġġ f'Lulju 2025 u lil Spanja wara n-nirien fis-selvaġġ f'Awwissu 2025

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija fir-rigward tal-għargħar fl-aħħar ta' Mejju 2025, lil Ċipru wara n-nirien fis-selvaġġ f'Lulju 2025 u lil Spanja wara n-nirien fis-selvaġġ f'Awwissu 2025

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027², u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda³, u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj>.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>.

³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2020/1222/oj.

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni twieġeb b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali reġjonali jew kbar jew minn emerġenza kbira tas-saħħa pubblika.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż il-limiti massimi kif stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093, kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765¹.
- (3) Fl-14 ta' Awwissu 2025, ir-Rumanija ressqet applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond wara l-għargħar fl-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju 2025.
- (4) Fl-14 ta' Ottubru 2025, Ċipru ressaq applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond wara n-nirien fis-selvaġġ f'Lulju 2025.
- (5) Fit-30 ta' Ottubru 2025, Spanja ressqet applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond wara n-nirien fis-selvaġġ f'Awwissu 2025.
- (6) Dawk l-applikazzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja lir-Rumanija, lil Ċipru u lil Spanja.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tkun tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri milquta malajr kemm jista' jkun u biex jiġi evitat kwalunkwe dewmien fil-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'rabta mad-diżastri naturali:

- (a) l-ammont ta' EUR 14 339 675 għandu jingħata lir-Rumanija wara l-għargħar fl-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju 2025;
- (b) l-ammont ta' EUR 9 209 223 għandu jingħata lil Ċipru wara n-nirien fis-selvaġġ f'Lulju 2025;
- (c) l-ammont ta' EUR 120 550 858 għandu jingħata lil Spanja fir-rigward tan-nirien fis-selvaġġ f'Awwissu 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

* *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament Ewropew qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*